## 5 ta' Novembru, 1956

## Imħallfin:

## Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
## Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
## Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Peter Paul Casha et. *versus* Peter Micallef

### Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Rinunzja Art. 2253 (b) tal-Kodiċi Ċivili

*Jekk id-debitur igħid lill-kreditur li huwa iħallas id-dejn pretiż kontra tiegħu, jekk jiġi pruvat, dak il-kliem tiegħu jammonta għal interruzzjoni tal-preskrizzjoni, jew għal rinunzja għall-istess preskrizzjoni jekk din tkun diġà kompjuta.*

*Għalkemm f'każ simili jkun hemm l-interruzzjoni jew ir-rinunzja għall-preskrizzjoni, skond il-każ, jibqa' dejjem li d-dejn jiġi pruvat; imma jekk jiġi pruvat għandu jitħallas, għax il-preskrizzjoni tkun ġa ġiet eliminata.*

*Xejn ma jiswa l-fatt li d-debitur ikun qal illi, fil-każ li d-dejn jiġi pruvat, tħallsu "martu", u mhux jħallsu "hu", meta martu kienet tgawdi l-fiduċja tiegħu biex tobliga ruħha għal dak id-dejn; għax dan ikun każ fejn l-istess mandant, li jkun qiegħed jgħid lid-debitur dak il-kliem, ikun qiegħed jgħidlu illi, jekk id-debitu jiġi pruvat, tħallsu l-mandatarja tiegħu.*

*U mhix korretta l-allegazzjoni illi l-Qorti jmissha qabel xejn tiddeċidi l-punt tar-rinunzja għall-preskrizzjoni, u mbagħad, wara, dak tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni; għax jekk ikun hemm rinunzja għall-preskrizzjoni ġa kompjuta, hu ċar li "ipso facto" hemm lok għar-riġett tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.*

Il Qorti—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, *li biħ l-atturi* jitolbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, il-konvenut jiġi kundannat iħallashom, bl-imgħax legali mis-16 ta' Ġunju 1954, is-somma ta' £12. 14. 8½, minnu dovuta għal bilanċ ta' prezz ta' affarijiet tar-razzjon u tal-merċa lilu mibjugħa u kkunsinnati. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Ġunju 1954, kontra l-konvenut, li ġie nġunt għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Mejju 1956, li biha ddeċidiet billi rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u ddifferiet il-kawża għat-trattazzjoni tagħha fil-meritu; billi kkunsidrat, rigward l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut;

Illi jirriżulta li l-konvenut kien jixtri permezz ta' martu Antonia affarijiet ta' razzjon u tal-merċa mill-ħanut tal-atturi, li kien ġestit mill-attriċi. Dan il-ħanut l-atturi għalquħ xi sitt snin ilu, u għalhekk id-debitu tal-konvenut, pretiż mill-atturi, jirrimonta għal dak iż-żmien. Però l-atturi jippretendu li wara li ngħalaq il-ħanut il-konvenut, per mezz ta' martu, kien kompla jħallas xi akkonti kull tant żmien mill-kont li kien hemm meta ngħalaq il-ħanut, imbgħad waqaf, u hekk baqa' l-bilanċ imsemmi fiċ-ċitazzjoni. L-attur jgħid li xi sena u erbgħa xhur qabel it-8 ta' Ġunju 1955 huwa kien iltaqa' mal-konvenut, u dana rrikonoxxa d-debitu u ppromettielu li kellu jħallsu bix-xelin fil-ġimgħa. Il-konvenut jammetti li kien sar dak l-inkontru bejnu u l-attur, meta huwa qal lil dan li, jekk id-debitu hu dovut, huwa kellu jħallsu. Però il-konvenut jgħid li dak l-inkontru, li fih sar dan id-diskors, sar xi sentejn qabel il-25 ta' Jannar 1956;

Illi l-preskrizzjoni opposta mill-konvenut hi dik ta' tmientax il-xahar, kontemplata fid-dispożizzjoni tal-art. 2253 (b) tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk irid jiġi eżaminat jekk għaddewx tmientax il-xahar minn meta sar l-inkontru u l-konvenut irrikonoxxa li kellu jħallas lill-attur id-debitu, jekk dovut minnu, sa meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni. Naturalment kollox jiddependi mid-data, bejn wieħed u ieħor, meta sar l-imsemmi inkontru. Però, tant jekk f'dan ir-rigward tittieħed il-versjoni tal-attur, kemm jekk tittieħed dik tal-konvenut, jiġi dejjem li minn meta sar dak l-inkontru sa meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni ma għaddiex iż-żmien ta' tmientax il-xahar, u għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġa msemmija ma tistgħax treġi. Infatti jirriżulta li l-atturi, per mezz tal-konsulent legali tagħhom,

qabel ma ntentaw dan il-ġudizzju, interpellaw lill-konvenut biex iħallashom tliet darbiet, darbtejn bonarjament, fil-25 ta' Mejju 1954 u fl-4 ta' Ġunju 1954, u darba uffiċjalment fil-15 ta' Ġunju 1954. Hu evidenti li dawn l-ittri ġew mibgħuta mill-atturi wara l-imsemmi nkontru, meta, kif jgħid l-attur, il-konvenut kien ippromettielu li kellu jħallas il-bilanċ dovut minnu bix-xelin fil-ġimgħa, u naturalment wara wkoll li l-attur qagħad jistenna xi ftit taż-żmien biex jara jekk il-konvenut kienx sejjer juniforma ruħu għal dik il-promessa. Effettivament l-attur, kif xehed, jakkalkola li huwa mar ikellem lill-konsulent legali tiegħu in konnessjoni ma' din il-vertenza xi disgħa xhur wara dak l-inkontru. Issa, l-ewwel ittra mibgħuta mill-konsulent legali tal-attur lill-konvenut, kif intqal, iġġib id-data tal-25 ta' Mejju 1954; għalhekk dak l-inkontru sar, b'dak il-kalkolu li semma, għall-ħabta tal-25 ta' Mejju 1953. U minn din id-data sal-25 ta' Jannar 1955, meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, hemm anqas minn tmientax il-xahar. Skond il-konvenut, imbagħad, dak l-inkontru bejnu u l-attur sar xi sentejn qabel il-25 ta' Jannar 1956, jiġifieri għall-ħabta tal-25 ta' Jannar 1954, u evidentement, minn din l-aħħar data sal-25 ta' Jannar 1955, meta, kif ingħad, ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, kien hemm biss perijodu ta' sena;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li tiġi akkolta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata u miċħuda t-talba tal-attur; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatti huma rikapitolati superjorment fil-parti razzjonali tas-sentenza appellata;

Dan l-appell hu devoluttiv biss tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

L-istess konvenut xehed hekk (fol. 26 et seq.): — "Lil-attur ili li kellimtu fuq din il-kwistjoni xi sentejn ilu mil-lum. Kien waqqafni Strada Mercanti, u qalli "taf li l-mara tiegħek għandha tagħtini?", u jiena rrispondejtu li lili l-mara qatt ma qaltli xejn fuq hekk, u għidtlu li nistaqsiha,

u fil-każ nagħtihomlu". U aktar tard, fol. 27, irrepeta: — "......jiena għidtlu biss "issa nistaqsiha, u jekk għandha tagħtik tagħtihomlok";

Dawn il-kliem ma jistgħux ħlief ifissru li l-kreditu jitħallas, jekk jiġi pruvat; u hu ovvju li kliem simili jammontaw għal interruzzjoni tal-preskrizzjoni, jew rinunzja għall-preskrizzjoni ġa kompjuta, skond il-każ;

Din il-Qorti (Pres. Sir Adrian Dingli, Imħ. Sir Salvatore Naudi u Dr. Luigi Ganado), fis-sentenza tagħha "Dedomenico vs. Camilleri", 14 ta' Marzu 1894 (Vol. XIV, paġ. 169), irriteniet, fuq l-awtorità tal-D'Argentrè u tat-Troplong, illi min iwiegħed li jħallas jekk jiġi pruvat li għandu jagħti, b'daqshekk ikun qiegħed jagħraf id-dejn u jinterrompi l-preskrizzjoni, jew jirrinunzja għaliha kemm il-darba jiġi pruvat id-dejn (ara wkoll, fl-istess sens, "Mifsud utrinque", 13 ta' Frar 1941, Prim'Awla, Vol. XXXI-II-13, konfermata fl-Appell 26.5.'41; u Vol- XXXI-I-64]);

Hi għal kollox skorretta l-lanjanza fil-petizzjoni fol. 43, konċepita b'dawn il-kliem: "Tant ma tammontax għal ammissjoni dik id-dikjarazzjoni tal-esponent, li l-Ewwel Qorti għad trid tidħol fil-meritu tal-kawża, mentri kieku kienet tammonta għal ammissjoni, din kienet tkun fatali għall-esponent". Infatti, għalkemm f'każ simili jkun hemm l-interruzzjoni jew ir-rinunzja għall-preskrizzjoni, skond il-każ, jibqa' dejjem li d-dejn jiġi pruvat; imma, jekk pruvat, għandu jitħallas, għax il-preskrizzjoni tkun diġà ġiet eliminata;

Il-fatt li l-konvenut uża l-kelma "tagħtihomlok" (u mhux "nagħtihomlok") ma jfisser xejn, għaliex l-istess konvenut fix-xhieda tiegħu qal (fol. 26 u 27): "Mhux jien kont inħallas, imma l-mara tiegħi, u anki l-affarijiet il-mara kienet teħodhom. Jiena kont naf li l-mara kienet qegħedha tieħu l-affarijiet mingħand il-konvenut u li kellha kont";

Dan kien il-każ, għalhekk, ta' mara miżżewġa godenti l-mandat taċitu ta' żewġha għal ċerti obligazzjonijiet (ara App. "Bonnici vs. Tabone", 4 ta' Diċembru, 1925, Vol. XXVI-I-340); u konsegwentement kien l-istess mandant li qiegħed jgħid lill-kreditur li, jekk id-debitu jiġi pruvat, il-mandatarja tiegħu tħallsu;

Fil-petizzjoni l-appellant donnu qiegħed isostni li l-Ewwel Qorti kellha qabel xejn tiddeċidi l-pont tar-rinunzja għall-preskrizzjoni, u mbagħad, wara, dak tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Lanqas dan ma hu korrett; għaliex, jekk ikun hemm rinunzja għall-preskrizzjoni ġa kompjuta, hu ċar li "ipso facto" hemm lok għar-riġett tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Kif sewwa kkalkulat l-Ewwel Qorti, anki skond ix-xhieda tal-istess konvenut, dan id-diskors sar għall-ħabta tal-25 ta' Jannar, 1955. Jiġi, għalhekk, li fil-25 ta' Jannar 1954 kien hemm ir-rinunzja għall-preskrizzjoni ġa kompjuta, u minn dik id-data san-notifika taċ-ċitazzjoni lill-konvenut għad ma għaddiex it-terminu preskrizzjonali ta' tmintax il-xahar;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant;

Tirrinvija l-attijiet tal-kawża lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni fil-meritu.